

# Joseph C Camilleri BA, DEAM, M.Ed (Pl & Mgt)
# Il-Festa ta' San Girgor

L-Għid f'Malta ma jispiċċax f'Ħadd l-Għid iżda jinkludi wkoll festa oħra, festa folkloristika, dik ta' San Girgor. Din il-festa ssir tlett ijiem fuq Ħadd l-Għid. Hija festa ta' bixra folkloristika, mimlija xalati madwar il-bajja ta' Marsaxlokk. Iżda din il-festa għandha għeruq reliġjużi u dak li jsir illum mill-kappella ta' San Klement sal-knisja ta' San Girgor hija biċċa fdal ta' manifestazzjoni reliġjuża fejn kienet tieħu sehem Malta kollha.

L-Oriġini tal-Purċissjoni

San Girgor ma kienitx xalata iżda purċissjoni – waħda ta' penitenza. L-oriġini ta' din il-purċissjoni hija mitlufa fl-imgħoddi. Hawn min hu tal-fehma li din il-purċissjoni kienet bħala ringrazzjament tal-marda tal-pesta li ħakmet fuq Malta. Oħrajn jaħsbu li kienet ringrazzjament ta' xi ħbit mill-furbani li kienu jsiru ta' spiss fuq ix-xtut Maltin. Dak li nafu sew li fis-sena 1575 il-Viżitatur Appostoliku, Monsinjur Pietro Dusina, staqsa numru sabiħ ta' nies dwar l-oriġini ta' din il-purċissjoni. Xi ħadd kien qallu li saret bħala ringrazzjament għall-maltempata providenzjali li kienet żammet il-qawwa tal-flotta Musulmana milli tidħol fil-bajja ta' Marsaxlokk.

Misteru ieħor dwar din il-purċissjoni huwa għaliex il-purċissjoni kienet tispiċċa fil-knisja ta' Santa Katarina (magħruf aktar bħala ta' San Girgor) fiż-Żejtun. Milli jidher, il-knisja taż-Żejtun kienet 'l aktar waħda mbiegħda mill-katidral tal-Imdina f'dawk iż-żminijiet u b'hekk il-purċissjoni setgħet tkun twila ħafna u fl-istess ħin waħda penitenzjali kemm jista' jkun.

Għall-ewwel il-purċissjoni kienet issir fil-jum liturġiku ta' San Girgor jiġifieri fit-12 ta' Marzu iżda dan il-jum, billi jaħbat matul ir-Randan, ġie trasferit għat-tielet jum wara l-festa tal-Għid. Kien l-Isqof Vincenzo Labini li ttrasferiha għall-Erbgħa ta' wara l-Għid. F'dan il-jum il-poplu setgħa jorganizza xalata wara li kien jattendi għal din il-purċissjoni.



Min kien jieħu sehem?

Kien jieħu sehem l-Isqof ta' Malta, li kien ikun liebes l-aktar mod penitenzjali. Dan kien ikollu wkoll kappell aħdar li kien ikun bil-faldi kbar biex jilqagħlu s-sħana tax-xemx. Mal-isqof kien ikun hemm żewġ paġġi, wieħed minnhom iżomm umbrella biex l-isqof ma tilħqux ix-xemx. L-isqof kien joħroġ mill-palazz tiegħu fl-Imdina. Waqt li kien qed jimxi kienu jingħaqdu miegħu l-fratellanzi tar-Rabat u ta' Ħaż-Żebbug. L-istess ħaġa kienu jagħmlu l-fratellanzi ta' Ħal Qormi.

Mal-Fratelli kien ikun hemm il-kleru w il-parruċċani. Dawn kienu jintaqgħu fix-Xagħra ta' Ħal Tarxien ( illum il-Pjazza ta' Raħal Ġdid). Hemm kienu jsibu l-fratellanzi l-oħra ta' Malta. Kull parroċċa kien ikollha l-istandardi tal-fratellanzi kif ukoll il-Fratelli u s-salib tal-kleru. Dan is-salib kien ikollu bandalora. Din kienet xejn ħlief sinjal ta' rispett lejn l-isqof u l-kleru. Il-parroċċi kienu jimxu skond il-preċedenza tagħhom.

Fl-aħħar tal-purċissjoni kien jimxi l-isqof. Dan kien ikollu wkoll is-salib tal-kleru iżda dan ma kienx ikollu l-ebda bandalora.

Drawwa

Maż-żmien f'din il-purċissjoni daħlet id-drawwa li quddiem il-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata f'Ħal Tarxien u quddiem dik ta' Santa Katarina fiż-Żejtun ir-reffiegħa tal-istandardi kienu jmejlu l-istandard . Dan kien isir b'sens ta' pika bejn ir-reffiegħa u fl-istess ħin bħala sinjal ta' rispett lejn il-knejjes parrokkjali. Din il-pika kienet tikkonsisti f'żewġ affarijiet. L-istandard kienu jniżżluh u jtellawh kemm jista' jkun malajr u t-tieni, l-istandard ma setgħax jinkiser. In-nies li kien ikun hemm kien jgħidu bejniethom "Kemm hu b'saħħtu dan!"

Minn Ħal Tarxien

Mill-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien il-purċissjoni kienet tgħaddi għall-knisja ta' Santa Katarina (magħrufa bħala San Girgor). In-nies ta' Ħal Tarxien kienu jinġabru fuq il-bankini tat-Triq Irjali (illum Triq il-Kbira) biex jaraw lill-isqof kif ukoll il-Fratelli. Hemm kienu jistennew s-salib tal-kleru ta' Ħal Tarxien biex jimxu fil-purċissjoni huma stess. Wara l-purċissjoni kienet tgħaddi miż-żona ta' Bulebel u fl-aħħar kienet tidħol fil-parroċċa taż-Żejtun. Din kienet tidħol fil-knisja parrokkjali ta' Santa Katarina u tkompli sal-knisja 'l qadima ta' dan il-qaddis (San Girgor). Hawn il-purċissjoni kienet tispiċċa u n-nies kienu jinżlu bil-mixi sal-bajja ta' Marsaxlokk għal xalata.



Fis-sena 1926 kien inqala' xi nkwiet bejn il-parroċċi. Aktarx xi parroċċi riedu jimxu aktar 'l quddiem billi kellhom storja itwal ta' parroċċa. Għaliex l-isqof Mawru Caruana ordna li fil-purċissjoni kienu jieħdu sehem il-Fratelli tal-Arċikonfratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat biss, kif ukoll l-isqof u xi membri tal-kleru – monsinjuri tal-katidral. Minn dik is-sena l-purċissjoni bdiet mill-Pjazza ta' Raħal Ġdid u baqgħet sejra saż-Żejtun. Naturalment kienet tieqaf fil-knisja parrokkjali ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien.

Il-purċissjoni rat tibdila oħra. L-ambjent rurali ta' bejn Ħal Tarxien u ż-Żejtun kien spiċċa. Minflok l-għelieqi u rziezet kien hemm ħitan għoljin tal-fabbriki. Għalhekk il-purċissjoni ħarġet miż-żona Tarxiniża u bdiet issir kollha kemm hija fiż-Żejtun. Il-knisja żgħira ta' San Klement saret il-bidu tal-purċissjoni u l-knisja ta' San Girgor kompliet tkun it-tmiem ta' din il-purċissjoni.

Tifkira ta' din il-purċissjoni

Bħala tifkira ta' din il-purċissjoni, fil-misraħ u ħdejn il-knisja ta' San Girgor hemm statwa tal-ġebel ta' dan il-qaddis. Kien il-kanonku Annetto Casolani li kien ordna li ssir din l-istatwa. Din turi lill-Papa San Girgor li jinsab fuq siġġu kbir. Il-ħarsa tal-figura gregorjana hija xi ftit stramba għaliex qed iħares lejn l-għelieqi. Iżda f'dawk iż-żminijiet il-ħarsa tal-figura kienet lejn it-triq li tagħti lejn il-katidral tal-Imdina. Din l-istatwa saret fuq disinn tal-artist Ġużeppi Hyzler. Ix-xogħol fuq il-ġebla Maltija kien sar mill-iskultur Salvator Dimech li kien mill-Mosta.

Xi tfisser il-festa ta' San Girgor?

Għan-nies ta' Ħal Tarxien, iż-Żejtun u Marsaxlokk din hija festa kbira. Il-ħaddiema ta' dawn iż-żoni jieħdu l-Erbgħa fuq l-Għid bħala btala biex huma flimkien mal-familji tagħhom jinżlu jum viċin il-baħar. L-istess ħaġa jagħmlu n-nies tad-dar. Dawn jagħmlu minn kollox biex jimlew basket b'kull barka t'Alla u jerħula għall-bajja ta' Marsaxlokk. Din hi xalata kbira għal dawn in-nies għaliex f'dak il-jum it-tfal tagħhom ikun għadhom fuq btala. Fl-imgħoddi l-btajjel tal-Għid kienu jkunu bejn l-Erbgħa tat-Tniebri u l-festa ta' San Girgor. Din ix-xalata tinħass l-aktar fost in-nies ta' dawn l-inħawi, l-aktar fost l-anzjani.

Referenza:

Vincent Galea, Il-Purċissjoni ta' San Girgor u l-Knisja tiegħu fiż-Żejtun, Il-Knisja tiegħi Nru 68 April-Mejju '97